## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 25/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Joseph Schembri**

Seduta tas – 16 ta' Dicembru, 2021

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joseph Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 6968M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Dicembru 2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ircieva minghand Christopher Zarb, detentur tal-karta tal-identita` numru 38767(M), xi weghda li jinghata lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qligh iehor taht liema ghamla li jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu inkwantu li rcieva imghax in eccess impost mil-ligi minghand Christopher Zarb u ikkundannatu ghal tnax il-xahar (12) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal zmien erba snin (4) u ikkundannatu ghall-hlas ta' *multa* ta' erbat elef euro (€4,000). F'kaz li l-multa jew parti minnha ma tithallasx din tigi konvertita fi prigunerija.

Il-Qorti ordnat lill-imputat sabiex ihallas lura lill-Christopher Zarb detentur tal-karta ta' l-identita` numru 38767(M), is-somma ta' sitt elef, disa mija u hdax il-ewro (€6,911), rapprezentanti l-ammont mhallas in eccess ta' dak li hu permess bil-ligi;

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Schembri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata u b'mod <u>alternattiv</u> li **tirrevoka** u thassar kull multa u ammont komputat erronjament b'mod illi l-appellanti certament ma setgha qatt ikun kkundannat jhallas ammonti lil Zarb meta l-provi jindikaw li Zarb kien u ghadu debitur tal-appellanti u mhux vici versa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-appellant;

Rat illi l-Avukat Generali rrimetta ruhu ghall-atti processwali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-aggravji mressqa mill-appellant huma lkoll essenzjalment kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-fatti hlief ghall-ewwel wiehed li ghandu minn natura legali. F'dan l-aggravju l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal biex temmen xhud minn iehor meta qatt ma rat u semghet hi stess lix-xhieda viva voce: "*Gudikant jasal ghal dan it-tip ta' konvinciment meta jkollu l-opportunita jara l-imgieba u l-komportament tax-xhud. Bir-rispett l-ewwel Qorti ma kelliex din il-fakolta u kwindi kull attendibilita' tax-xhud Chris Zarb ma hijiex kredibilita' mibnija fuq dak li tirrikjedi l-ligi taghna*";

2. L-isfond ta' dan il-gravam huwa bazat fuq il-fatt illi dan il-process kien deciz minn magistrat differenti minn dak li sema' l-maggior parti tax-xhieda bil-magistrat decident tisma' biss id-deposizzjoni tal-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni, l-kontro

ezami tal-ispettur prosekutur u lill-imputat u dan wara li l-ewwel magistrat irtira biz-zmien mill-bank tal-gudikatura. Il-gravam tal-appellant, izda, huwa wiehed fierah u vessatorju. Dan ghaliex, anke jekk hemm xi sentenzi in rigward bdil tal-gudikant fil-mori tal-kawza, jezistu cirkostanzi li jinnewtralizzaw dan l-effett bhal per ezemplari meta din il-Qorti tezamina l-provi mill-gdid fil-kompetenza taghha ta' Qorti revizorja meta l-atti jkunu kompilati u x-xhieda ma jergghux jinstemghu;

3. Il-Qorti, izda, mhix ser tinoltra f'kunsiderazzjoni in rigward ghaliex fl-udjenza tas- 7 ta' Jannar, 2016 quddiem l-ewwel Qorti kien registrat verbal li jirrendi l-ewwel aggravju odjuz. Fl-ewwel udjenza mizmuma quddiem il-magistrat decident bid-data appena indikata kien registrat hekk a fol 91:

> *Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi. Deher l-imputat assistit minn Dr. Matthew Brincat. Il-partijiet qed jezentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma' x-xhieda kollha li diga' nstemghu minn din il-Qorti kif ukoll mill-produzzjoni tad-dokumenti gja esebiti, qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta, filwaqt li jiddikjaraw li qed jistriehu fuq il-provi gia migbura.*

4. Huwa inutili ghalhekk f'dan l-istadju ta' revizzjoni li l-appellant jivvanta il-gravam li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li temmen xhud minn iehor la darba ma assistietx ghad-deposizzjonijiet viva voce. Kull konsiderazzjoni

ohra in rigward ghalhekk tkun inutili. Ghal din ir-raguni, l-ewwel aggravju qed ikun michud;

5. Illi kif gia inghad, l-aggravji l-ohra huma dwar l-apprezzament tal-provi u kif inhu ormai palezi, din il-Qorti ser tezamina il-provi mill-gdid b'mod approfondit mhux biex tiddeciedi l-kaz mil-gdid izda bil-ghan li tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel qorti qabilha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghad-decizzjoni li wasslet ghaliha. Qabel dan, izda, tajjeb li jkunu rikapitolati l-fatti tal-kaz li huma karatterizzati b'xejn anqas minn tlett verzjonijiet differenti minn xulxin u b'varjanzi fl-istess deposizzjonijiet li tirrendi l-kaz pjuttost wiehed kumplikat;

6. Brevement rakkontati l-fatti allura jirrizulta illi l-proceduri in disamina originaw minn rapport lill-Pulizija maghmul minn bank lokali wara li l-imputat kien prezenta cheque fil-bank biex isarrfu liema *cheque* kien mahrug minn *cheque book* ta' kumpanija li kienet ilha snin li ghalqet il-kont taghha u li fuqu hemm il-firma ta' persuna li ma kellha l-ebda konnessjoni ma' din il-kumpanija. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija, rrizultalha li dan ic-cheque u ohrajn kienu inghataw lill-imputat minn certu Christopher Zarb u li dawn kienu inghataw lilu minnghand certu Vincent Xuereb. Kull wiehed minn dawn il-persuni jallega hwejjeg kontra l-ohra kif ser jirrizulta mir-rassenja tal-provi bil-prosekuzzjoni finalment tikkonkludi u tallega li l-imputat kien sellef flus lill-Christopher Zarb b'imghax li huwa in eccess ta' dak permess mil-ligi u li dan kien mohbi taht il-vesti ta' skrittura ghal xoghol patwit;

7. **L-ispettur Maurice Curmi** xehed illi beda l-investigazzjoni tieghu billi kellem lill-imputat Joseph Schembri li allega li kien ircieva dan ic-cheque minghand Christopher Zarb. Jghid li kien hemm investigazzjoni ohra ghaddejja rizultat tal-informazzjoni ricevuta mill-bank izda dwar dan il-kaz kien kellem ukoll lill-Christopher Zarb li, izda, kien cahad li kellu x'jaqsam b'xi mod ma' dawn ic-cheques u "*kien allega li hu x'aktarx kien vittma ta' uzura li kieneet giet probabbli mahduma flimkien mal-imputat u kif ukoll certu Vincent Xuereb"* (fol 14). Issa ghalkemm dak li jixhed l-ispettur huwa dak li qalulu l-persuni li kellem hu, dan ser ikun riportat anke jekk l-istess persuni xehedu viva voce ghaliex r-rakkont tieghu jassumi importanza fl-ezami tal-varjazzjoni fid-deposizzjonijiet;

8. L-ispettur rraporta kif Zarb infurmah li xi zmien qabel kien avvicinat minn certu Vincent Xuereb li persistentement staqsieh kienx jaf lil xi hadd li jsellef il-flus. Zarb kien staqsa lil habib tieghu certu Jason Cachia li accetta u li ghaddielu s-somma ta' elf lira Maltin. Dan ried jibqa' jissellef u kien laqqghu ma' certu Francis Abela li ukoll sellfu elf lira Maltin, izda Xuereb qatt ma raddx dawn il-flus lura u peress li kien hu li laqqa' lill-Xuereb ma' dawn in-nies hassu responsabbli u radd lura dawn il-flus minn butu izda baqa' jitlob il-hlas minghand Xuereb li ghaddielu erba' cheques bil-valuri ta' 400, 800, 1250 u 1350 [total ta' 3800] liri Maltin [lkoll post dated u mahruga minn Top Serv Limited favur Dream Design li tahtha kien jopera Zarb bhala mastrudaxxa] iffirmati minn certu Ivan Camilleri u ghaddielu l-karta tal-identita' [jew

kopja taghha] ta' dan Camilleri biex jaccertah mill-awtenticita' tac-cheques. Xuereb kien iddiregieh biex imur isarraf ic-cheques ghand Joseph Schembri. Peress illi dawn ic-cheques kienu post dated l-imputat zamm ghalih is-somma ta' 1200 lira Maltin u kien ghadda lil Zarb 2600 li minnhom Zarb zamm 1400 u ghadda 1200 lill Xuereb;

9. Gara izda li meta Schembri mar isarraf dawn ic-cheques dawn ma setghux jissarfu u ghalhekk Schembri talab lil Zarb jghidlu minn fejn kien gab dawn ic-cheques u spicca jghidlu minn fejn anke jekk Xuereb kien insista mieghu li taht l-ebda cirkostanza ma kellu jinforma lill-Schembri. Jghid li Schembri baghat ghal Xuereb u Zarb kellu jintervjeni biex iwaqqfu milli jkompli jsawwat lil Xuereb. Schembri talab il-flus kollha minghand Zarb. Eventwalment Schembri u Zarb dahlu fi ftehim permezz ta' skrittura biex ihallsu s-somma ta' 3900 liri maltin minkejja li kien raddlu lura l-ammont li kien tah originarjament oltre 2500 u kkalkola li b'hekk kien tah madwar 40 fil-mija imghax fuq is-somma originali. Wara li Zarb kien hallas l-ammont ta' 3900 kien rrikorra ghand il-Caritas u waqaf milli jaghmel aktar pagamenti. Xuereb kien accetta li jhallas lura lil Zarb izda minkejja skrittura f'dan is-sens u hrug ta' kambjali baqa' ma hallas xejn;

10. Ix-xhud kompla jispjega kif kien kellem lill Jason Cachia u lil Francis Abela li kkonfermaw li kienu huma li sellfu elf lira Maltin kull wiehed. Kien ukoll baghat ghall-imputat li cahad kull allegazzjoni maghmula minn Zarb u li l-flus li kien ghaddielu Zarb kienu forma ta' depozitu fuq xi ghamara li qabbdu jaghmel. Kien ukoll kellem lil Xuereb li "*kien*

*bazikament ikkonferma l-verzjoni li kien qalli Christopher Zarb*". Ix-xhud esebixxa zewg dokumenti mmarkati MC1 u MC2 li huma dokument ta' rifjut ghall-ghajnuna legali u stqarrija tal-imputat. Jghid ukoll illi kien interroga lill-Ivan Camilleri liema persuna mietet fil-mori izda dan kien ikkonferma li l-hames cheques li jidhru fuq id-dokumenti MC8 u MC9 [igifieri l-erba cheques li sa issa saret referenza ghalihom u iehor ta' LM5000 favur Dream Design bid-data tal-31.08.07] kienu kollha ffirmati minnu u li dan kien qieghed f'konfoffa ma' Vincent Xuereb biex igieghlu lil Zarb imur isarrafhom ghand l-imputat;

11. **Christopher Zarb** xehed illi kien jaf lill-Vincent Xuereb billi kien ghamillu xi xoghol tal-injam u kien ghad baqalu jtih elf lira Maltin li fuqhom ghaddew is-snin. Jghid illi Xuereb kien ghaddielu erba' cheques [fil-valuta msemmija *supra* igifieri f'total ta' 3800 lira Maltin] u iehor ta' hamest elef Euro izda dan tal-ahhar qatt ma ghaddieh lill-Joseph Schembri. Jghid illi Xuereb ghamillu kundizzjoni li sabiex ihallsu l-elf lira Maltin li kellu jtih kellu jsarraf l-erba' cheques ghand Joseph Schembri li minnhom kellu jzomm l-elf lira u l-kumplament jghaddihom lilu. Huwa spjega li Schembri zamm is-segwenti flus ghalih minn cheques, igifieri minn dak ta' erba' mija tah tlett mija, ta' tmien mija ha sitt mija, ta' elf mitejn u hamsa u tletin [*recte:* elf mitejn u hamsin] qatalu erba mija u fuq ta' l-elf u tliet mija u hamsin qatalu erba' mija u hamsin lira Maltin [igifieri ha b'kollox 2650 minn 3800 liri Maltin] li minnhom zamm elf lira Maltin u l-bqija ghaddihom lil Xuereb. Wara li Schembri mar isarraf l-ewwel cheque ta' erba' mija cempel lill Zarb u infurmah li dawn ic-cheques ma

kienux tajbin u talbu l-flus kollha lura. Ghalhekk cempel lill-Vincent Xuereb u avzah b'dak li kien gara u "*ghidtlu hemm x'ghamilt...*" (fol 59);

12. F'dan l-istadju x-xhud jaghmel referenza ghal skrittura li kien ghamillu Xuereb biex juri li c-cheques kienu tajbin u kien ukoll tah karta tal-identita' [riferibilment ghal dik ta' Ivan Camilleri]. [Ix-xhud jirreferi ghall-karta tal-identita' u mhux kopja taghha u jghid li taha lill-Ispettur li a fol 61 jiddikjara li sab kopja taghha. Inoltre a fol 63 itenni li hu inghata l-karta tal-identita' propria u li ghaddiha lill-ispettur]. Jghid li dik l-iskrittura saret peress illi mill-ewwel ma kienx afda lill-Xuereb u hawn ix-xhud jiddikjara li ma jafx jaqra. L-iskrittura appena msemmija bid-data tal-14 ta' Jannar, 2007 hija esebita bhala Dok MC5 a fol 68 u parti minnha ser tkun riprodotta fl-ahhar tad-deposizzjoni flimkien ma' dokumenti ohra ghall-ahjar intendiment;

13. Zarb ikompli jispjega li meta intalab irodd l-flus lura ghamel kuntatt ma' Xuereb sabiex itih lura l-flus kollha li kien ta lil Xuereb izda flus ma kellux u wara li qaghad itawwal, hadu ghand l-avukat tieghu u ghamlu skrittura [Dok MC7 a fol 73] u pprometta li jibda jhallsu mija u hamsin lira fix-xahar izda dawn qatt ma waslu u Schembri beda jigri warajh u jheddu u wara hafna xhur hadu ghand l-avukat tieghu u ghamlu kuntratt fejn il-flus li kellu jtih "*tellahomli ghal sitt elef, seba' mija u xi haga fuqhom*" (fol 64) liri Maltin. "*Dawk il-flus kwazi mhallsin kollha, hdimtlu zewg partijiet minnhom, hdimtlu zewg flattijiet ta' habib tieghu bejn il-Qawra u Bugibba..*" (fol 64) "*Bibien, ghamiltlu l-bibien.*

*Hdimtlu zewg flattijiet bil-bibien li kienu tieghu bil-mitejn u erbghin Lira Maltin kull bieb, u kien hemm tmin bibien, erba' bibien go kull flat" "Dazgur plus il-flus cash li tajtu jigifieri ghamiltlu dawk il-bibien ukoll biex ikopri s-somma, jigifieri mhux tajthomlu extra mis-somma jigifieri, parti mis-somma".* Wara li iffirma l-iskrittura [Dok MC6 fol 71] beda jtih il-pagamenti kull xahar, gieli tah ricevuta u hawn ix-xhud mhux car meta jghid li "*ghandi tant ircevuti ma tahomlix zammhom hu jigifieri*" (fol 65). Dak il-ftehim sar wara li ffirma l-iskrittura mal-imputat (fol 66). Xuereb tah ukoll kambjali izda ma esebixxa ebda tali dokumenti waqt id-deposizzjoni tieghu. Jghid ukoll li spicca anke hallas lill-avukat ta' Xuereb izda la jsemmi min hu u lanqas li qatt mar ghand l-avukat ta' Xuereb ghaliex fid-deposizzjoni tieghu jghid li ha lill-Xuereb ghand l-avukat tieghu (fol 63);

14. Kwantu ghal flus kontanti x-xhud ghamel is-segwenti kalkolu : "*Ara cash biex tkun taf ezatt tnaqqas mitejn u erbghin Liri Maltin ghal tmien darbiet l'bqija l-kumplament tajthomlu kollha cash ghax kont hdimtlu tmin bibien ta' habib tieghu go zewg flattijiet*" (fol 65). Jghid illi kien hadem il-flattijiet tal-habib tieghu izda mhux tal-post ta' San Gwann tal-imputat ghaliex "*kien ha jibqa' tiela imma tal-flattijiet kont accetajt kont kif naqqasthom mis-somma ghax dak iz-zmien ha nghidlek id-dritt dak iz-zmien kont nibza minnu qed tifhem, ghalhekk ghamilthomlu, kieku ma kontx naghmilhomlu*";

15. F'dan l-istadju tajjeb li jkun ukoll rikapitolat il-kontro-ezami ta' Christopher Zarb kif registrat f'seduta precedenti fejn ir-registrazzjoni kienet interrotta u kien ghalhekk li rega

xehed f'seduti ta' wara. F'dak l-istadju x-xhud kien qal li kien ressaq lill-habib tieghu biex jislef elf lira Maltin lill-Xuereb ghaliex hu ma setghax jisilfu flus u kellu jroddhom lura wara xahar: "*Taf l-elf Lira qed tifhem, kellu jtihulu u baqa' ma tahulux. Umbaghad rajt kif ghamilt ssallabt u tajtulu jiena lil habib tieghu peress illi qabadtu jiena qed tifhem jigifieri dak hu l-elf Lira li kelli niehu*" [minghand Xuereb] fol 20;

16. Is-segwenti huma l-iskritturi msemmija aktar 'l fuq. **Dok MC5** hija skrittura miktuba bl-idejn tal-**14.01.2007** bejn **Joseph Schembri** ghan-nom tas-socjeta' Mamma Lin u **Christopher Zarb** fuq l-iskrittura minn issa msejjah bhala l-Mastrudaxxa:

17. Illum fuq din l-iskrittura privata qieghed jigi miftiehem is-segwenti: Christopher Zarb qieghed jircievi (3) cheques minghand Ivan Camilleri li ghandu l-karta tal-identita' numru .... residenti ...... Dawn ic-cheques qeghdin kif imsemmi cheque no 1898 LM1235, cheque no 1892 ta' Lm1350, cheque no 1895 ta' Lm800. B'dawn ic-cheques Christopher Zarb qieghed jithallas f'isem Dream Design ta' (3) kmamar tas-sodda li ingarru minn Ivan Camilleri. Ivan Camilleri qieghed ihallas bi (3) cheques post dated lil Christopher Zarb u qieghed jassigurah li c-cheques jissarrfu fid-data li hemm fuqhom u li jekk ma jissarrfux jehilhom doppji bhala penali. Dawn ic-cheques Christopher Zarb ser jghaddihom lil Joseph Schembri f'isem Mamma Limited ta' xoghol ta' kostruzzjoni. Firmata minn I. Camilleri . Flimkien ma' din l-iskrittura hemm dikjarazzjoni tal-istess Ivan Camilleri b'kopja tal-karta tal-identita' tieghu li tghid li qed johrog dawn ic-cheques *post*

*dated* u li qed jassigura li jkunu pagabbli fid-dati specifikati u li kien xtara xi ghamara minghand Dream Design Co;

18. Id-dokument **MC6** huwa skrittura dattilografata bid-data tal-**31 ta' Mejju 2007** u hija bejn Joseph Schembri f'ismu u f'isem martu Sharon Schembri, msejjha il-Kreditur, u Christopher Zarb, msejjah id-Debitur, li biha l-partijiet qablu:
"1.Illi l-kreditur tinstab titrasferixxi l-magna tal-mastrudaxxa tat-tip 2P, magna ohra Universal u magna ohra tal-mincotti kif ukoll kumpressur tal-250 litru u magna tal-ixkatlar li qed jigu accettati mid-debitur wara illi ispezzjona l-istess magni li jinstabu f'kundizzjoni operabbli u l-istess debitur jaccettahhom tale quale.
2. Illi l-imsemmija magni hawn fuq dettaljati qed jigu trasferiti lid-debitur ghall-prezz ta' tmint elef lira maltin (Lm8000.00).
3. Illi l-partijiet jaqblu illi l-imsemmija somma ser tithallas f'pagamenti mensili fl-ammont ta' erba' mitt lira maltin jew ekwivalenti fil-munita' euro, l-ewwel pagament jsir fit-30 ta' Gunju u fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti l-interessi legali pagabbli wara l-pagament finali. Illi d-debitur jintrabat u jobbliga ruhu li jhallas l-imghax legali bit-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma dovuta piu kull interess sad-data tal-hlas effettiv.
4. Illi ghaldaqstant d-debitur jiffirma ghoxrin (20) kambjali, u minn naha tieghu qieghed jiggarantixxi kif ukoll jintrabat ghal hlas effettiv tal-istess somma.
5. Id-debitur jitlef il-beneficcju tat-terminu jekk ma jhallasx aktar minn zewg pagamenti konsekuttivi u l-kreditur jkollu d-dritt jitlob kull bilanc rimanenti fl-intier tieghu.

6. Il-kreditur jkollu id-dritt jesegwixxi skond il-ligi bil-mandati opportuni u jesegwixxi fuq l-proprjeta' tad-debituri bid-dritt u bl-accettazzjoni tar-registrazzjoni ta' ipoteka specjali fuq l-istess proprjeta favur il-kreditur. Il-kreditur jirriserva ukoll li jesegwixxi fuq kull proprjeta mobbli u immobbli u kull dritt successorju naxxenti minn wirt.

7. Illi l-partijiet jaghmlu referenza ghall-kuntratt datat dsatax (19) ta' Ottubru 2006 li ghandu jibqa' operattiv u distint mill-presenti skrittura."

19. Id-dokument **MC7** huwa skrittura privata ohra bid-data tas-**17 ta' Mejju 2007** bejn **Christopher Zarb ghan-nom tas-socjeta' Dream Design Woodworks Limited** deskritt bhala il-Kreditur u **Vincent Xuereb** deskritt bhala d-Debitur. F'din l-iskrittura, Vincent Xuereb iddikjara ruhu veru, cert u likwidu debitur versu il-kreditur fis-somma ta' <u>Lm6,735</u> rapprezentanti prezz tal-ghamara mibjugha u konsenjata mill-Kreditur lid-Debitur li ddikjara li l-ghamara diga tinstab fil-pussess tieghu u li huwa pjenament sodisfatt bil-kwalita' u l-materjal tal-istess ghamara. F'din l-iskrittura, d-debitur obbliga ruhu li jhallas lill-Kreditur permezz ta' 44 pagament mensili ta' Lm150 u l-ahhar pagament ta' LM135 bl-ewwel pagament isir fit-18 ta' Gunju 2007 bid-debitur jiffirma 45 kambjala a favur tal-kreditur. Oltre klawsola dwar imghax u dekadenza mill-beneficcju tat-terminu l-partijiet ddikjaraw ukoll is-segwenti: <u>*"...illi l-Kreditur ikkonsenja lid-Debitur l-ghamara in kwistjoni bis-sahha ta' cekkijiet illi d-Debitur ghadda lill-istess Kreditur, liema cekkijiet ma setghux jissarrfu. Ghaldaqstant f'kaz li d-Debitur jonqos milli jhallas il-pagamenti kollha minnu dovuti lill-Kreditur, il-Kreditur*</u>

*qieghed izomm id-dritt li jipprezenta kwerela lill-Pulizija Ezekuttiva kontra d-Debitur sabiex jinbdew proceduri kriminali kontra tieghu.* ..... Firmata V Xuereb u Christopher Zarb. [**sottolinear tal-Qorti**]

20. **Vincent Xuereb** xehed li madwar sitt snin ilu kellu jaghti xi haga tal-flus lil certu Chris li ma jafx kunjomu u kien tahomlu, mbaghad [Chris] gie bzonnu, rrangaw u ghaddiet. Darba kellu jtih tnax-il mija [sic] u tant kien dejqu li kien tah tlett cheques misruqa li melihom bl-amment u dan mar isarrafhom ghand Joseph Schembri. Jghid li Zarb mar jaghti c-cheques lill-Schembri ghaliex kien ghamillu xi xoghol ta' mastrudaxxa, anke ix-xhud kien hadem lill-Schembri xoghol fil-faccata tad-dar tieghu. Jghid illi ghandu jaghti tnax-il mija lil Zarb u lest li jtihomlu ghaliex huma tieghu izda ghandu x'juri li tah cheque ta' hamest elef u li dan issarraf. Xuereb izid jghid li Zarb qallu sabiex jixhed kontra Schembri "*ghax int lili bhalissa m'ghandekx x'tohodli lili qalli imma lil dak ghandna x'nohdulu ghax hu ried hu qal li zammlu l-imghax tal-flus tac-cekkijiet li tajtu jiena. Issa jiena dak b'xoghol ghax ghandi l-kuntratt u kollox da, qed ndahhlu f'ballata din il-ghal haga ghal xejn jahasra*";

21. Riprodott biex jiccara d-deposizzjoni tieghu, Xuereb qal li hu u Zarb kienu hbieb antiki u kien imur il hanut tieghu ta' mastrudaxxa u ddeskrivieh bhala persuna li ghandu Malta kollha tigri warajh. Zarb qatt ma ghamillu xoghol izda darba Zarb ried jissellef xi flus u kien sellfu xi haga (*kont gibtlu xi haga tal-flus, mbaghad tahieli. Imbaghad kelli bzonn jien u gabli, mhux xi eluf ta, xi elfejn jew hmistax-il mija, dawn l-*

*affarijiet*). Jghid li dak iz-zmien kellu jtih tlett elef liri Maltin u tah cheque t'erbat elef u l-elf lira Maltin ma giet qatt lura u ta' dan kellu x'juri. Mela mbaghad meta x-xhud kellu bzonn xi haga tal-flus talab lil Zarb itih lura l-elf lira Maltin u gablu l-iskuza li dawk kien wehilhom imghax minghand bniedem li ma jafx min hu. Huwa jikkonferma li kien hu li ta c-cheques li jidhru bhala Dok MC4 lill-Zarb u jikkonferma li ffirmahom hu izda ma kienx hu li melihom ghaliex ma jiktibx pulit. Ftit wara jghid li nesa min iffirma c-cheques. Jikkonferma illi Ivan Camilleri kien tah il-karta tal-identita' tieghu u mhux kopja taghha u li din ghaddiha lill-Zarb.

22. Xuereb izid jghid li dahhal lil Ivan Camilleri fin-nofs sabiex Zarb jemmen li c-cheques kienu tajbin. Jichad li baghat lill-Zarb isarraf ic-cheques ghand l-imputat izda ftit wara jikkoncedi li kien hu li rriferieh ghand l-imputat. Minn dan kollu, [igifieri mill-4 cheques b'total ta' Lm3800] x-xhud ha elf u mitejn [liri maltin li hija d-differenza bejn dak li kellu jaghti lill-Zarb u dak li allegatament zamm Schembri mill-erba' cheques total ta' Lm3800 li kien jaf li ma jissarfux] u l-kontijiet ta' bejniethom kienu b'hekk mghaluqa. Issa Zarb qed jitlob ir-rifuzzjoni tal-Lm1200 u d-differenza tac-cheques oltre l-imhgaxijiet li jghid li wehel minghand Schembri;

23. Rapprezentant tal-**HSBC Bank Malta plc** xehedet illi l-kont in kwistjoni inghalaq f'Gunju 2003. Ic-cheque numru 1896 datat 24 t'April, 2007 [ma kienx onorat] u kien intbaghat lura u l-bank zamm imagini tieghu. Mitluba tara c-cheques l-ohra tghid illi dawn kienu mill-istess kont izda l-bank ma ghandux imagini taghhom u inhargu fis-sena 2007 meta l-kont

inghalaq fl-2003 u ma tista' tixhed xejn aktar dwarhom. Ic-cheque numru 1869 [ta' LM400 ] kien negozjat fil-Bank of Valletta u ritornat lill-account holder bhala bir-rimarka "account closed" pero' ma setghetx tghid min kienet il-persuna li prezentatu ghall-hlas;

24. **L-imputat** xehed illi l-karta tal-identita' tieghu ghandha numru 38767 [ fuq il-wara tac-cheque 1896 li kien prezentat il-bank biex jissarraf hemm dan in-numru miktub bl-idejn]. Huwa jahdem ghal rasu u huwa negozjant, ibiegh iz-zwiemel u jikri u jibni xi blokka 'l hawn u l'hinn. Lil Vincent Xuereb kien itih xoghol tal-madum u tibjid u hadimlu ukoll fuq faccata u darba kien staqsih jekk ghandux xi xoghol tal-ghamara bhal bibien, kcejjen u kmamar ta-sodda u kumbinazzjoni kellu bzonn u ghalhekk laqqghu ma' Christopher Zarb. Ma' dan tal-ahhar ftiehem li jahdimlu flat f'San Gwann u zewg flattijiet ohra Bugibba, il-Qawra. Huwa kkompleta x-xogholijiet tal-Qawra izda mhux dak ta' San Gwann. Jghid li Zarb kien dejjem ried il-flus minn quddiem ghaliex kien jghid li ma kellux flus izda Xuereb kien assigurah li ma' dan ma kienx hemm problemi. Ta' kulljum kien jigri wara Zarb biex jahdimlu l-flat ta' San Gwann ghaliex ried jikrieh izda Zarb wiegbu li ma setghax ghaliex ma kellux flus biex jixtri l-materjal izda talbu jiehu pacenzja ghaliex kellu jdahhal xi cheques u l-flus li kien tah kien ser iroddhomlu lura ftit ftit. Wara xi tmien xhur jigri warajh hadu ghand l-avukat tieghu u ghamlu skrittura dwar dan ix-xoghol li kellu jsir u esebixxa din l-iskrittura mmarkata JS1;

25. Minkejja dan, Zarb ma ghamel xejn mix-xoghol ta' San Gwann u ghadda lill-imputat cheque ta' erba mija u iehor ta' tmien mija, it-tnejn post dated. Meta mar isarraf dak ta' erba' mija l-bank infurmah li dawk ic-cheques kienu misruqin, ikkuntattja lill-Christopher Zarb u ghaddielu c-cheques lura, baqa' jcempillu biex itih il-flus lura u wara xi xaharejn jew tlieta baghat ghalih l-ispettur u allega li ha imghax minghand Zarb li mar isarraf ic-cheques ghandu izda huwa nnega. Fid-deposizzjoni tieghu nnega li kien talab imghax zejjed lil Zarb;

26. L-imputat jghid illi mill- hames cheques li jidhru a fol 81 u 82 huma tnejn biss li gew f'idejh igifieri dak ta' erba' mija u dak ta' tmien mija. Suggerit lilu li jekk gew f'idejh kienx tahom lura, jghid li "*Le, tajthom lil Vince ghax hu tahomli*" u jichad is-suggeriment li dawn ghaddihomlu Christopher Zarb, zamm is-somma ta' elf u mitejn biex sarrafhomlu u hallas elf u erba' mija lil Vincent Xuereb. Ftit wara x-xhud jghid li kien Zarb li tah iz-zewg cheques u meta staqsieh x'kien ghamillu meta ma sarrafx wiehed minnhom Zarb qallu li dawk kien tahomlu haddiehor u kien hemm li kien infurmat li dawk kien tahomlu Vincent Xuereb;

27. L-imputat jghid illi ma kien iffirma l-ebda kuntratt ma' Zarb dwar ix-xoghol li kellu jaghmel. Ghall-ewwel jghid li ghamlu karta izda mitlub juriha jghid li ma ghamlu xejn ghaliex it-tnejn inzertaw ma jafux jiktbu u l-iskrittura saret wara li ma hadimx ix-xoghol u meta hadu ghand l-avukat tieghu. Jichad li s-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira issa telghet ghal dik ta' sebat elef lira maltin u li dik hija storja li vvinta Zarb ghaliex, kif sar jaf wara, dan ghandu hafna

trufijiet u ghandu jaghti lil hafna nies u li din kienet xi haga li hawwad flimkien ma' Vincent Xuereb. Mistoqsi mill-Qorti x'interess kellu Zarb li johloq fabrikazzjoni, igiddbu u jgibu f'daqstant inkwiet jghid li Zarb ghamel hekk biex ma jaghmilx ix-xoghol tal-ghamara li kien hallsu taghhom. Mistoqsi jispjega x'kienu jirraprezentaw is-sebat elef lira Maltin jghid li dik kienet valur ta' kamra tas-sodda li ghaliha hallas lill-Zarb bil-quddiem. Ghall-ewwel tah sittin fil-mija u wara li kien il-hin kollu gej ghal flus biex jixtri din u dik hallsu ta' kollox. Daqqa kien jitlob hames mija daqqa tlett mija u kien ihallsu in kontanti. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx igieghlu jiffirma ghall-ammont li kien itih jghid illi anke cheque minn tieghu kien tah u kien ghalhekk li wara mar ghand l-avukat tieghu. Iddikjara li ma jafx bl-iskrittura tal-14 ta' Jannar 2007 [Dok MC5] li hija bejn Zarb u Xuereb. Mistoqsi jekk il-flus itihomx hekk minghajr ebda kawtela jghid li "*ghax ahna npartu u naghmlu. Ahna mhux hekk. Tpartit, daqqa tpartit, daqqa ghalhekk. Ahna nafdaw lil xulxin in-negozjanti. Inkunu nafu. Imma dan kien hemm Censu Xuereb, kien qalli "serrah rasek minnu", qalli "dan m'ghandekx probemi minnu" u ma kontx naf li jbazzwru bejniethom. Jien tradewni t-tnejn li huma. Hu u Censu Xuereb ghax jien lanqas kont naf li c-cekkijiet gabhom minghand Censu Xuereb.*";

28. Mis-sebat elef lira maltin mnizzla fl-iskrittura ma rcieva ebda hlas minghand Zarb u ma ha l-ebda passi kontra tieghu ghaliex jaf li ghandu hafna dejn u problemi ta' xoghol u ghaliex ghandu jonfoq il-flus jekk ma ghandu xejn? U lil Zarb ma kellmux aktar ghaliex hekk kien ordnalu l-ispettur u lanqas kawza civili ma ghamillu ghaliex qed jistenna l-ezitu

ta' din il-kawza, ma ghandux x'tehodlu u bhal issa ma setghax johrog hafna flus;

29. **Dok JS1** esebit mill-imputat huwa skrittura privata bejnu proprju u ghan nom ta' martu u bejn Christopher Zarb bid-data tal-21 ta' Mejju 2008 bis-segwenti premessa : " *Illi l-ewwel parti jixtieq jordna u jigi supplit b'diversi mobbli u oggetti tal-ghamara*". Minn hemm issegwi lista ta' tlett xogholijiet tal-injam li Christoper Zarb intrabat li jahdem li l-Qorti thoss necessarju li jkunu riprodotti u li huma s-segwenti:

a. Jigu suppliti s-segwenti gewwa appartament numru 2, Rosa Flats fi Triq il-Kappucini, San Gwann
-lostru ta' erba' (4) bibien
-unit tat-television tal-pine solid
-kcina tal-pine solid 10 piedi cupboards isfel u cupboards fuq, inkluz mejda u erba' siggijiet parigg
Sufan L shaped miksi bir-rexin u coffee table tal-pine.
Dawn l-oggetti kollha ghandhom jigu suppliti u kompletati sa l-ahhar ta' Gunju 2008 b'multa ta' mitt euro kuljum (Ewro 100.00)

b. Jigu suppliti gewwa appartament iehor fil-Qawra fis-sular ta' fuq:
- hames (5) bibien solid gewz afrikan bieba wahda kompluti bil-pumijiet stainless steel u b'erba' panewijiet
- tieqa gewz afrikan maqsuma f'zewg bibien kompluta bil-hgieg u mwahhla fil-post.
Dawn l-oggetti mobbli ghandhom jitlestew sa l-ahhar ta' Mejju 2008 b'multa ta' mitt euro kuljum (100.00)

c. Jigu suppliti gewwa appartament iehor fil-Qawra fis-sular ta' isfel:
-hames (b) bibien solid gewz afrikan bieba wahda kompluti bil-pumijiet stainless steel u erba panewijiet
-tieqa gewz afrikan maqsuma f'zewg bibien kompluta bil-hgieg u mwahhla fil-post

Dawn l-oggetti mobbli ghandhom jitlestew sa l-ahhar ta' Gunju 2008 b'multa ta' mitt euro kulljum (Ewro 100.00)

Is-segwenti xogholijiet u ghamara ser jigu suppliti ghall-prezz totali ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm2200.00) [sic] ammontanti ghal hamest elef, mija u hamsa u ghoxrin euro (Euro 5125.00). Illi l-oggetti fil-klawsola a u c jammontaw ghal elf u mitt lira mentri dawk fi klawsola b jammontaw ghal elf u mitt lira maltin. Illi l-imsemmi prezz huwa diga' mhallas fl-intier tieghu. F'kaz illi l-imsemmija mobbli ma jitlestewx tibda tiddekorri l-multa hawn stipulata. Illi l-imsemmija mobbli ghandhom jigu ikkonsenjati skond l-arti u s-sengha. Dan il-ftehim gie konkluz illum 21 ta' Mejju 2008;

30. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, senjatament wara li l-appell thalla ghas-sentenza, l-appellant talab u ottjena - sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti sabiex iressaq xhud li ma setghax jixhed qabel fil-proceduri kontra tieghu. Wara li semghet lill-partijiet, l-Qorti, b'eccezzjoni, semghet lil Vincent Muscat li kien gia xehed precedentement u li d-deposizzjoni tieghu gia ghaddiet in rassenja minn din il-Qorti;

31. Fl-udjenza tad-19 ta' Lulju, 2021 Vincent Xuereb xehed illi kien hemm proceduri kriminali kontra tieghu dwar serq ta' flus jew cekkijiet fil-konfront ta' Joseph Schembri u dwar dan inghata sentenza wara ammisjoni li minnha ma ntavola ebda appell. Spjega kif madwar hmistax jew sbatax-il sena ilu kien hadem fid-dar ta' Joseph Schembri peress illi kien jahdem fil-gebel u baqghu hbieb. Zarb ukoll kien habib tieghu u kien jahdem ta' mastrudaxxa. Kwantu ic-cekkijiet spjega kif kien sab *cheque book* Hal Qormi u dak iz-zmien kellu l-vizzju tal-loghob, kellu jaghti xi flus lil Zarb u ghalhekk iffirma u tah xi tnejn jew tlett *cheques* u baghtu ghand l-imputat biex isarrafhom. Jghid li ma jafx min hu Ivan Camilleri (li jidher bhala l-firmatarju tac-*cheques*) izda l-firma fuq ic-*cheques* ghamilha x-xhud u imlihom ix-xhud hlief ghall-parti ta' fuq, igifieri dik il-parti lil min hu pagabbli. Muri izda kopja tal-karta tal-identita' ta' Ivan Camilleri kkonferma li jafu u kkonferma li ta l-karta tal-identita' tieghu lil Zarb liema karta tal-identita' kien tahielu l-istess Camilleri qabet miet ghaliex kienu jahdmu flimkien;

32. Ftit wara waqt id-deposizzjoni tieghu x-xhud ftakar min hu Ivan Camilleri u ftakar li kien hu stess, ix-xhud, li qallu jaghmel *cheque* ta' tlett mitt euro fuq ismu u tal-pjacir tah mitt ewro u dan sabiex meta jghaddi c-*cheque* lil Zarb jkun mimli bil-lest u kien ghalhekk li kellu l-karta tal-identita' tieghu. Mistoqsi minn din il-Qorti ghaliex ta cekkijiet fl-ammont ta' sitt elef lira Maltin lil Zarb meta kellu jtih biss elf u mitejn lira qal li ma tahx sitt elef lira u sostna li kullma tah kienu tlett cekkijiet fl-ammont ta' tnax jew tlettax il-mitt lira. Mistoqsi jekk Zarb ghaddielux xi flus wiegeb fl-affermattiv u

zied jispjega li dan ghaliex Zarb kellu jith. Din qalghet il-mistoqsija ovvja sabiex jispjega kif kellu jaghti flus lill-Zarb meta Zarb kellu ukoll jaghti lix-xhud jghid: "*Ghax li gara hu illi meta kien tani l-flus domt ma tajthomlu jien, qed tifhem? Allura dahhal l-imghax tal-Gvern, bit-tmienja fil-mija jew sitta, ma nafx kemm qieghda. Dak iz-zmien naccetta kollox kont*". Meta l-Qorti rrakontatlu fil-qosor dak li qal Zarb, igifieri li dan tal-ahhar kellu jiehu minghandu elf u mitejn lira Maltin u tah cekkijiet fl-ammont ta' hamest elef lira, mar ihallas lill-Schembri bihom, zamm l-elf u mitejn u d-differenza ghaddiha lilu, jigifieri lix-xhud, wiegeb li hekk hu. "*Is-Sur Schembri kont hdimtlu sbatax jew ghoxrin sena ilu, il-faccata, qed tifhimni? B'hekk sirt nafu. Issa li gara dawk ic-cekkijiet hu li jiena ridt lilu, lil Christopher Zarb tajtu c-cekkijiet lilu jiena, jekk jien kelli ntih tnax-il mija tajtu cekkijiet ta' hamest elef, erbat elef, ma nafx bl-amment, u tajtu xi mitt Lira Maltin x'jixrob, u l-kumplament itihom lili l-flus*";

33. L-istess xhud ikkonferma li wara li Zarb sarraf ic-cekkijiet ghand Schembri, zamm l-elf u mitejn u l-kumplament ghaddihom lilu, jigifieri lix-xhud. Mistoqsi ghaliex ghamel kuntratt ma' Zarb fejn ikkostitwixxa ruhu debitur favur tieghu fl-ammont ta' sitt elef u seba' mitt liri Maltin rapprezentanti ghamara mibjugha u konsenjata lilu jghid li ma hax ghamara minghand Zarb. U mistoqsi kif jghid li kellu jtih elf u mitejn lira u issa f'salt wiehed kellu jtih sitt elef u seba' mija jghid li ghaliex Zarb zammlu l-imghax tal-Gvern bit-tmienja fil-mija. Jaqbel ma' dak suggerit mid-difiza illi wara li l-bank ma sarrafx ic-*cheques* hu, Zarb u Schembri ltaqghu biex jaraw kif ser iroddu dawn il-flus lura. Kienet saret "karta" fejn Zarb ried

ihallas lill-Schembri u minflok itihomu flus kellu jtihomlu ghamara u x-xhud kellu jhallas lill-Zarb. Ghal-mistoqsija tal-Qorti jekk ghamilx l-iskrittura tal-ghamara ghaliex Zarb kellu jaghti flus lill-Schembri, wiegeb fl-affermattiv ghaliex Schembri ried jithallas minghand Zarb mhux minghandu. Ghalhekk mistoqsi ghaliex saret skrittura ta' sitt elef u seba' mija Maltin meta Schembri ghadda l-ammont ta' tlett elef u seba' mija li minnhom Zarb zamm elf u mitejn u l-kumplament ghaddihom lilu jerga' jwiegeb li ghaliex kien hemm l-imghaxijiet. Mistoqsi allura jghid jekk l-istorja tal-ghamara kienetx veru jew le jghid li ghamara ma kienx ha: "*Ahna ftehma biex jigbor il-flus, mhux qed inzomm ma' Joseph Schembri ta, ma jinteressanix jien, allright? Jien li qed nghidlek hu li biex jigbor il-flus, biex jigbor il-flus ghamilna karta jew xi haga biex hu jehodhom ghamara. Dik li hemm. Il-bqija ma hemm xejn hazin, x'hemm hazin? Biex jigbor il-flus lura";*

34. Il-Qorti rat is-sentenza esebita mar-rikors tal-imputat ghas-smiegh ta' provi godda. Din is-sentenza li ghaliha jaghmel referenza Vincent Xuereb inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Mala) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 t'Ottubru, 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Xuereb fejn l-istess Vincent Xuereb kien instab hati ta' frodi fil-konfront ta' tlett persuni fosthom Christopher Zarb kif ukoll dwar falsifikazzjoni ta' skrittura ta' bank u dwar uzu ta' dokumenti foloz. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati ghamlet sintesi tax-xiehda ta' Christopher Zarb u din taqra hekk:

> *Illi xehed* ***Christopher Zarb*** *fejn stqarr illi huwa kellu pendenza ta" elfejn lira Maltin (Lm2000) minghand Vincent*

*Xuereb. Huwa qal li l-imputat kien qed jaghtih cekkijiet ta' diversi ammonti izda dawn qatt ma kienu jissarfu. Qal illi l-imputat kien tah xi cekkijiet f'daqqa (tal-kumpanija TopServ) biex imur isarrafhom ghand wiehed Joseph Schembri. Ix-xhud ma ftakarx kemm ha flus kontanti in kambju ta' dawn ic-cekkijiet izda ftakar zgur illi l-elfejn lira (LM2,000) li kellu pendenti mal-imputat, kien irnexxielu johodhom lura mill-kambju ta' dawn ic-cekkijiet. Stqarr illi wara xi zmien kien baghat ghalih Joseph Schembri biex jghidlu li c-cekkijiet ma kinux jissarrfu u qal ukoll illi ghal ftit ma kienx hebb ghalih. A kawza t'hekk ix-xhud kellu jhallas lil Schembri ta' dawn ic-cekkijiet li ma ssarfux. Ghaldaqstant ix-xhud kellu jiehu somma flus minghand l-imputat ammontanti ghal cirka sitt elef, seba mija u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm6,735) minghajr imghax, oltre l-elfejn lira (Lm2,000). Ix-xhud spjega illi wara dan kollu kien sar ftehim b'avukat kif ukoll numru ta' kambjali in segwitu ta' dan l-ammont, izda x-xhud stqarr illi mis-sena 2007, u cioe minn meta sar il-ftehim, huwa baqa' qatt ma thallas minghand l-imptuat.*

35. Illi l-istess Qorti ghamlet ukoll sintesi tal-istqarrija ta' Vincent Xuereb esebita f'dawk il-proceduri u tajjeb li din tkun hawn riprodotta ghaliex titfa' xi dawl fuq id-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti:

*Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat* ***Vincent Xuereb*** *ikkonferma illi huwa rrinunzja ghad-dritt legali. Huwa spjega illi huwa ma jahdimx f'Malta izda jahdem f'Londra bhala carer. L-imputat stqarr illi huwa kienu ilu jaf lil Christopher Zarb*

*ghal dawn l-ahhar erba' jew hames snin u li minghandu kien issellef xi flus. Huwa kkonferma illi sabiex irodd lura dawn il-flus kien ta lil Zarb xi cekkijiet li ma jissarfux. Qal li meta Christopher Zarb mar isarraf dawn ic-cekkijiet ghand Joseph Schembri, l-imputat kien ha lura madwar elf u mitejn lira Maltin (LM1,200). L-imputat spjega illi huwa kien iffirma skrittura a rigward dan id-debitu izda qal li m'huwiex minnu li din l-iskrittura kienet giet iffirmata in kambju ta' xi xoghol tal-injam li kien ghamillu Zarb. L-imputat gie mistoqsi dwar diversi cekkijiet li kien ta kemm lill-Christopher Zarb, lil Franis Falzon u lil Philip Spiteri u stqarr illi huwa dejjem kien jaf li dawn ic-cekkijiet ma kinux jissarfu u li kien xorta pprova jhallas bihom sabiex jakkwista ftit izjed zmien* ;

36. Tajjeb ukoll li tkun riprodotta s-sintenzi tad-deposizzjoni ta' Chrisopher Zarb quddiem dik il-Qorti li tghid hekk:

*Illi xehed **Christopher Zarb**, li qal li huwa m'ghandu l-ebda konnoxxenza ta' Francis Falzon u ma jaf xejn dwar il-pendenzi tal-imputat mal-istess Falzon. Ix-xhud ipprezenta wkoll skrittura (Dok. CZ1 a fol 65) li ghamel mal-imputat quddiem avukat fejn l-imputat iddikjara li huwa debitur tieghu fl-ammont ta' sitt elef u seba' mija u hamsa u tletin Liri Maltin (Lm6,735). Ix-xhud spjega illi l-imputat kien tah diversi cekkijiet li ma kinux jissarrfu u ghalhekk kellu jaghmel tajjeb ghal dak l-ammont.*

37. Maghmula din is-sintezi tad-deposizzjonijiet kif ukoll esposti l-fatti rilevanti, jokkorri li dawn ikunu kunsiderati

mill-ottika tal-aggravji rimarrenti fejn allura fit-tieni aggravju l-appellant jallega illi l-ewwel Qorti skartat il-korroborazzjoni tax-xhud Vincent Xuereb meta jghid li ma kellu x'jaqsam xejn u li d-dejn bejnu u bejn Zarb kien certament estraneju ma' l-ammont ta' flus li l-imputat kien indott jaghti lil-Zarb. "*Ritornati c-cekkijiet saret relazzjoni kontrattwali ta' dejn civili li kien ser jigi saldat b'xoghol tal-injam. Xoghol li sar biss in parti u dan kkonfermah l-istess Zarb innifsu*". Fit-tielet aggravju l-appellant jghid li l-ewwel Qorti assumiet x'seta' gara u mhux imxiet fuq il-provi u dan bi ksur tal-principju li kull dubju ghandu jmur favur l-imputat u mhux kontra tieghu. Ghalhekk dawn iz-zewg aggravji jistghu jkunu konsiderati flimkien;

38. Illi minn ezami tal-atti processwali huwa evidenti illi l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni ta' Christopher Zarb fejn irrizulta li dan inqabad f'sitwazzjoni fejn kellu jiehu flus fis-somma ta' elf u mitejn lira Maltin minghand Vincent Xuereb li dwarhom tah *cheques* ferm in eccess ta' dik is-somma sabiex wara li jsarrafhom ghand l-imputat jiehu li jifdal. Minkejja li l-imputat thallas talli sarraf *post dated cheques* u wara li l-bank rrifjuta li jonora l-ewwel *cheque* stante li l-kont kien mghaluq (ghaliex dawn inhargu b'qerq minn Vincent Xuereb), l-imputat talab lura l-ammont li kien ta lil Christopher Zarb. Dan jghid li mhux biss radd lura dak li kien tah l-imputat originarjament izda ghamillu xi xoghol ta' ghamara ukoll u meta beda jitlob izjed ddecieda li jghid daqshekk. L-ammont li Zarb kellu jiehu minghand Xuereb mhux ghaliex kien tajhomlu b'self izda ghaliex wara li kien ressaq persuna biex issellef il-flus lil Xuereb, dan naqas li jroddhom lura u Zarb

kien dahal garanti ghal hlas u b'hekk spicca kellu jhallas hu lil min silfu l-flus;

39. Illi din ic-cirkostanza tat lok ghal diversi skritturi fazulli ta' kostituzzjoni ta' debitu u ordnijiet ghal xoghol tal-injam li huwa evidenti minnufih li l-*causa* taghhom hija fittizja daqs kemm hu fittizju l-valur u iz-zmien li fih kellhom jitlestew ix-xogholijiet. Id-deposizzjoni ta' Vincent Muscat quddiem din il-Qorti ma tilhaqx l-ghan taghha li turi li l-imputat ma kellu ebda involviment f'dan kollu u din il-Qorti ma hi xejn impressjonata bid-dikjarazzjonijiet fierha tieghu. L-atti processwali inizjalment juru li l-aktar verzjoni attendibbli hi dik ta' Christopher Zarb. L-unika diskrepanza fix-xiehda tieghu hi li filwaqt illi fl-ewwel deposizzjoni tieghu jghid illi kellu jiehu minghand Xuereb is-somma ta' elf lira Maltin wara li ghamel tajjeb ghal self minghand habib tieghu u li spicca ma raddx lura, fit-tieni deposizzjoni jghid li Xuereb kellu jtih flus ta' xi ghamara li kien hadimlu snin qabel u li wara hafna kien tah erba' cekkijiet u iehor ta' hamest elef euro izda dan tal-ahhar ma kienx ghaddieh lill-imputat;

40. Din il-Qorti, anke jekk mhux ghar-ragunijiet kollha moghtija mill-ewwel Qorti, tqis illi l-verzjoni ta' Christopher Zarb hija attendibbli sal punt li ma tlissen l-ebda dubju dettat mir-raguni li l-fatti sehhew kif minnu rakkontati. Huwa minnu illi l-ewwel Qorti dahlet f'dettall li jista' jkun meqjus bhala spekulattiv izda ma kellhiex ghalfejn tinoltra f'dik id-direzzjoni ghaliex il-provi kontra l-imputat kienu sufficjenti sabiex tinsab htija. Ghalhekk it-tieni, t-tielet, r-raba', l-hames, is-sitt u s-seba' aggravji qed ikunu michuda;

41. Illi l-komputazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-eccess fil-hlas maghmul mill-imputat huwa wiehed ragonevoli bazat fuq dak allegat minn Christopher Zarb u l-ewwel Qorti setghet tillikwida dan l-ammont bil-poter moghti lilha bl-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali . Ghalhekk l-appell qed ikun michud fl-intier tieghu;

42. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.